# Immaġina li int ġurdien...

ta' Keene Muscat



Jiena ġurdien u ngħix f'razzett il-Mellieħa. Dari toqba żgħira li fiha għandi sodda ċkejkna, xemgħa u skutella bl-ilma, xejn aktar. Il-jum inqattgħu rieqed u billejl infittex xi ħaġa tajba x'niekol.

Ħafna drabi nsib xi fdalijiet li l-familja Vella li joqogħdu fir-razzett tkun ħalliet warajha wara l-ikla ta' filgħaxija. Meta ma nsibx, nistagħġeb daqskemm hi maħmuġa l-omm. Tiknes ta' kaf kaf, naqra ta' malajr u tintefa' tara t-televixin.

Iżda mhux se nagħlaq hawn għax ma nistax ma jgħaddilix minn moħħi li ma nsemmix l-għadu tiegħu, il-qattus Brejbes. Kull darba li nagħmel pass barra mit-toqba, qalbi tibda tħabbat sitta, sitta u noqgħod b'seba' għajnejn għalih għax qisu seqer, jara minn seba' mili 'l bogħod. Jekk narah nitlaq niġri b'kemm Alla jagħtini saħħa lejn it-toqba tiegħi jew xi toqba oħra.

Il-bqija, ħajti ward u żahar. Ma jonqosni xejn u ma nixtieq xejn aktar.